MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Numru 18/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Rene` sive Nazzareno Micallef**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-2 ta' Novembru 2002 kontra l-imsemmi Rene` sive Nazzareno Micallef li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah (1) b'tentattiv ta' omicidju volontarju ta' Daniel Falzon, (2) b'tentattiv ta' omicidju volontarju ta' Henry Falzon, (3) b'tentattiv ta' omicidju volontarju ta'

Joseph Falzon, (4) b'tentattiv ta' omicidju volontarju ta' George Falzon, u cioe` talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; (5) bi hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor; (6) talli minghajr licenzja tal-Pulizija spara arma tan-nar f’post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici; u (7) b’sekwestru tal-persuna;

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali pprezentata fis-seduta tat-23 ta’ Mejju 2005 li biha ddikjara li qed jikkoncedi li r-reati fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet u fir-raba’ kapi ta’ l-att ta’ akkuza huma skuzabbli ghaliex l-appellant (allura akkuzat) agixxa filwaqt li kien taht influwenza mmedjata ta’ passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha fil-waqt tad-delitt ma setax iqis l-eghmil tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-23 ta’ Mejju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li semghet l-ammissjoni ta’ l-appellant ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu bl-attenwanti koncessa mill-Avukat Generali bin-nota msemmija, u wara li wissiet lill-appellant bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u taghtu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9, u l-appellant baqa’ jtenni t-twegiba li hu kien hati, iddikjarat lill-appellant hati talli:

1) fis-16 t’April, 2002 ghall-habta tal-10.30 a.m., go Haz-Zebbug,  ikkommetta tentattiv ta’ omicidju volontarju ta’ Daniel Falzon w cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lill-istess Daniel Falzon jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt,  liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu, izda b’dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-

eghmil tieghu w dana skond l-ewwel kap tal-att ta' l-akkuza;

2) fis-16 t'April, 2002 ghall-habta tal-10.30 a.m., go Haz-Zebbug, ikkommetta tentattiv ta' omicidju volontarju ta' Henry Falzon w cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lill-istess Henry Falzon jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, izda b' dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu w dana skond it-tieni kap tal-att ta' l-akkuza;

3) fis-16 t'April, 2002 ghall-habta tal-10.35 a.m., go Haz-Zebbug, ikkommetta tentattiv ta' omicidju volontarju ta' Joseph Falzon w cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lill-istess Joseph Falzon jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, izda b' dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu w dana skond it-tielet kap tal-att ta' l-akkuza;

4) fis-16 t'April, 2002 ghall-habta tal-10.38 a.m., go Haz-Zebbug, ikkommetta tentattiv ta' omicidju volontarju ta' George Falzon w cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lill-istess George Falzon jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, izda b' dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-

eghmil tieghu w dana skond ir-raba' kap tal-att ta' l-akkuza;

5) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, volontarjament u dolozament spara l-hames skratac li kellu fl-arma tan-nar tieghu w diversi comb minn dawn it-tiri laqtu l-vettura li fiha kien hemm riekba l-membri tal-familja Falzon, u cioe` vettura van JBB 642 tal-marka Isuzu w b'hekk ikkaguna hsara volontarja li teccedi l-hames mitt lira f'din il-vettura, ghad-dannu ta' Henry Falzon, u dan skond il-hames kap tal-att ta' l-akkuza;

6) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, minghajr licenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici w dana skond is-sitt kap ta' l-att tal-akkuza;

7) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita` kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Marylin Chircop kontra l-volonta` taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata w dan skond is-seba' kap ta' l-att ta' l-akkuza;

u kkundannatu ghal piena ta' tmintax-il sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull perijodu li l-appellant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, ordnat il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti b'konnessjoni mar-reati msemmija favur il-Gvern ta' Malta u ordnat li jhallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' erba' mija disgha u hamsin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm459.27) spejjez tal-perizji inkorsi fil-process skond l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u dan wara li dik il-Qorti kienet semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza, rat id-dokumenti esibiti mid-difiza, il-fedina penali aggornata ta' l-appellant, il-verbal li bih il-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li bejn ir-reati taht l-ewwel erba' kapi ta' l-att ta' akkuza u dawk taht il-hames u s-sitt kapi hemm il-konkors formali u ideali billi mill-istess fatti skaturaw diversi reati u ghalhekk ghall-fini tal-piena ghandha tinghata l-piena ghar-reati l-

aktar gravi, semghet it-trattazzjoni u kkunsidrat is-segwenti:

“Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** dwar il-piena maghmula mill-abbli difensuri, li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss , is-segwenti :-

1) Illi mid-deposizzjoni ta’ omm u mart il-hati w ta’ Catherine Naudi jirrizulta li kien hemm retroxena ta’ konflitt dwar xi raba li l-familja tal-hati kienet ilha tiddetjeni ghal certu zmien u li t-titolu w access ghaliha kienet materja ta’ vertenza bejn il-familja tal-hati w l-familja tal-vittmi;
2) Li l-hati kien persuna biezla, mpjegata u anki tahdem ir-raba;
3) Li l-hati kellu sitwazzjonijiet sfortunati minhabba l-istat ta’ sahha ta’ membri tal-familja tieghu;
4) Li l-hati qatt ma nnega li hu qatt ma kien spara w li ma kienx il-kaz li l-Qorti taghmel ezempju bih;
5) Illi kien importanti hafna li wiehed jara r-retroxena kollha u jqis l-incident li gara aktar kmieni filghodu fis-16 t’April, 2002 bhala “the last straw”;
6) Li l-hati ma kellux kondotta hazina ghalhekk id-difiza talbet li l-Qorti turi klemenza mal-hati.

“Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur :

“Li dan il-kaz kien wiehed gravissimu u li ghalkemm id-difiza ghamlet minn kollox biex tpingi lill-membri tal-familja Falzon bhala l-awturi tar-reati, huma kienu l-vittmi, u mhux l-awturi.

“Ikkonsidrat:
“Li l-hati ammetta l-htija tieghu ta’ erba kazi distinti ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju kontra ebda persuni differenti, sia pure’ issa bl-attenwanti koncess mill-Avukat Generali li fil-hin tal-kommissjoni tal-imsemmija reati hu kien agixxa fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu. Illi bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali li jirrigwarda l-konkors tar-reati w pieni, l-piena massima

ghal dawn l-erba reati flimkien tkun ta’ tletin sena prigunerija, u cioe’ t-tnax il-sena massimu mitlub mill-Avukat Generali ghal kull wiehed mill-ewwel erba’ kapi tal-att tal-akkuza moghtija ghal kap wiehed minnhom, piu’ nofs l-istess terminu ghall-kull wiehed mit-tlitt kap l-ohra. Ma dan umbaghad tkun trid tizdied nofs il-piena massima ghas-seba kap li jirrigwarda s-sekwestru ta’ Marylin Chircop, dejjem skond l-artikolu 17 (b) u cioe’ sena prigunerija. B’ kollox ghalhekk ghall-akkuzi, kif issa modifikati bl-attenwanti tal-agitazzjoni tal-mohh ghall-ewwel erba kapi biss u ghas-sebgha kap li ghalih din l-attenwanti din ma tapplikax, l-hati jiffaccja massimu ta’ wiehed u tletin (31) sena prigunerija. Kif intqal bi qbil bejn il-prosekuzzjoni w d-difiza ma ghandha tinghata ebda piena ghall-htija taht il-hames u s-sitt kapi stante l-konkors formali bejn dawn iz-zewg kapi w l-ewwel erba kapi.

“Illi raguni ewlenija li adduciet id-difiza biex il-piena tigi mitigata fir-rigward kienet il-fatt li gara kien ir-rizultat ta’ retroxena ta’ kwistjonijiet li l-familja tal-hati kellha dwar xi raba fl-akwati ta’ Wied Qirda mal-familja Falzon wara li dawn akkwistaw xi artijiet f’dawn l-akwati.

“Il-Qorti ghalkemm hadet dan in konsiderazzjoni u ghalkemm ukoll qed tiehu in konsiderazzjoni l-attenwati koncess mill-Avukat Generali fuq imsemmi, xorta wahda ma tistax tinjora l-gravita’ tal-kaz kif jipprezenta ruhu.

“Mill-fedina penali tal-hati jidher ukoll li din ma kenitx l-ewwel darba fejn huwa sar vjolenti anki fil-konfront ta’ persuni ohrajn ghalkemm l-incidenti precedenti ma jirrizultawx li kienu hekk serji.

“Ragunijiet ohra li ssemmew mid-difiza u li jirrigwardaw xi problemi ta’ sahha ta’ ulied il-hati qed jittiehdu ukoll in konsiderazzjoni pero’ zgur li ma jistghux iwasslu lil din il-Qorti biex b’xi mod tiggustifika l-agir tal-hati.

“Illi hu minnu li l-hati ma nnegax li kien hu li spara kif issottometta d-difensur tieghu, pero’ jigi osservat li ftit setgha jaghmel dan meta dak li ghamel ghamlu quddiem pjazza nies fejn, oltre l-vittmi tal-isparatura ratu ukoll is-

sinjorina li giet sekwestrata biex issuqu lil hinn mill-post tad-delitt u ovvjament nies ohrajn.

“Il-Qorti kkonsidrat ukoll il-gurisprudenza recenti in materja li giet citata lilha mill-abbli difensur ghalkemm il-fatti speci ma kienux simili ghal dawk tal-kaz odjern la fin-natura tar-reat u lanqas fil-multiciplita’ tal-vittmi.

“Il-Qorti qieset ukoll l-fatt li l-hati ammetta l-htija tieghu wara li l-Avukat Generali kkonceda l-attenwanti tal-agitazzjoni tal-mohh.

“Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b’ xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’ riduzzjoni fil-piena.

“Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-Qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**”, [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **“Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**” , [17.7.2002]. F’din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran relattiv mill-**BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) li jigbor fih il-prassi tal-Qrati Inglizi fir-rigward u li gie ripetutament citat u addottat mill-Qrati Taghna. Din il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni dan l-insenjament fl-applikazzjoni tal-piena f’dan il-kaz anki tenut kont tal-imsemmija ammissjoni.

“Ikkonsidrat :

“Mill-banda l-ohra pero` din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li d-delitti ammessi mill-hati, partikolarment dawk taht l-ewwel erba’ kapi ta’ l-att tal-akkuza, kienu mill-aktar serji w setghu kellhom konsegwenzi ferm aktar tragici minn dawk li avverraw ruhom. Kien hemm sparar ripetut lejn persuni diversi f’ direzzjonijiet u hinijiet diversi li bicca minnu kien a distanza ravvicinata jekk addirittura mhux “a brucia pelo” u din it-tip ta’ vjolenza armata ma tista’ qatt

tigi konsidrata b' mod legger mill-Qrati li ghandhom id-dmir li jipprotegu lis-socjeta w lill-kull individwu mill-agir folli ta' dawk li ghax isibu arma f'idejhom, jahsbu li jistghu jaghmlu li jridu. Bl-agir folli tal-hati gew feruti erba' persuni w fil-kaz ta' Henry Falzon, jidher li dan anki tilef parti minn xi arti u parti mill-funzjoni ta' xi parti minn gismu. Dan kien incident li jwahhax kommess go pjazza mill-aktar traffikuzi ta' Haz-Zebbug, b' perikolu ukoll ghal nies ohra passanti li ma kellhom x' jaqsmu xejn mall-persuni involuti fl-incident. Ghalhekk f'dan il-kaz il-piena karcerarja komplessiva trid bil-fors tirrifletti l-multiplicita' tar-reati ammessi mill-hati.

"Qieset dak li gie ritenut fis-sentenza Ingliza ta' **Bancroft** (1981) [3 Cr. App. R. (S) 119] citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis vs. Cikku Farrugia"** [3.10.2003] u minn din il-Qorti fis-sentenza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Buhagiar"** [5.11.2003] konfermata fl-appell [ 24.9.2004]:-

"'…notwithstanding that a man's reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control, there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for. That must be the justification for passing a sentence of imprisonment, to recognise that there is still left some degree of culpability…(ara Jeremy Horder: "Provocation and Responsibility" (OUP, 1992 p. 120).'"

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Rene` sive Nazzareno Micallef ipprezentat fl-14 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn huw gie misjub hati tar-reati migjuba kontra tieghu fis-seba' kapi ta' l-att ta' akkuza kif modifikat bin-nota prezentata mill-Avukat Generali fit-23 ta' Mejju 2005, u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena li l-appellant iqis li hija eccessiva u sproporzjonata. Huwa jsostni illi l-fatturi li ma ttihdux in konsiderazzjoni u/jew ma nghatawx il-piz li jixirqilhom jew gew interpretati b'mod zbaljat jew zbilincjat, huma s-segwenti: (1) l-ammissjoni bikrija ta' l-appellant ma nghatatx il-piz misthoqq; (2) l-ewwel Qorti kien jinteressaha biss il-massimu u ma tatx kaz tal-minimu; (3) l-ewwel Qorti ma semmiet l-ebda ragunijiet, li ma kinux ikkunsidrati mill-partijiet, sabiex hija tichad it-talba maghmula mill-partijiet wara l-patteggjament li kienu ghamlu; (4) dan il-kaz, kuntrarjament ghal dak li l-ewwel Qorti rriteniet in vista tal-kwotazzjoni taghha tal-bran ta' Dr. Horder, ma kienx kaz ta' agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantaneja rizultanti minn provokazzjoni esterna izda biss li fil-hin tar-reat l-appellant kien fi stat ta' agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantaneja konsegwenza ta' emozzjonijiet interni; (5) nonostante li l-ewwel Qorti kkwotat lill-Avukat Generali li stqarr li l-kaz kien wiehed gravissimu, naqset milli tqis illi sa dak il-mument l-Avukat Generali baqa' jsostni illi l-piena mitluba fir-rikors konguntiv tal-partijiet kienet il-piena gusta; (6) il-provi li gabet id-difiza dwar il-problemi ta' sahha ta' ulied l-appellant ma kinux intizi biex jiggustifikaw l-agir tieghu izda biex turi illi wiehed ghandu japprezza li ghall-familja ta' l-appellant l-ghalqa tassumi importanza kbira; (7) l-iskop tal-piena m'ghandux ikun xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati izda bilanc bejn l-interessi tas-socjeta` b'mod generali, tal-vittmi tal-kaz partikolari u tal-hati stess.

Din il-Qorti sejra tittratta l-ilmenti ta' l-appellant hekk kif moghtijin fir-rikors ta' appell.

(1) L-appellant jghid illi huwa kontro-sens illi jinghad fis-sentenza appellata illi l-Qorti qieset il-fatt li l-hati ammetta l-htija tieghu u li dan il-fattur ittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti skond l-insenjament ta' **Blackstone** kkwotat fis-sentenza **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deciza fis-17 ta' Lulju 2002, u fl-istess hin ghar-reati kif immodifikati jigi kkundannat ghal tmintax-il-sena prigunerija. L-appellant jirrimarka illi huwa konxju illi ammissjoni bikrija mhux

bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament tissarraf f'riduzzjoni fil-piena, izda d-dibattitu jiffoka aktar fuq kemm ghandu jkun tali tnaqqis f'kaz ta' ammissjoni. Josserva illi l-ammissjoni tieghu kienet tassew bikrija, hekk kif l-Avukat Generali kkonceda l-iskuzanti tal-passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh. Ghalhekk huwa rrilevanti li dak li gara gara quddiem pjazza nies ghax: mhuwiex xi kaz ta serq aggravat fejn inqabad *"red-handed"*, izda principalment ta' reati kontra l-persuna li jistghu jkunu anki skuzabbli; mhuwiex kaz fejn *"the offender delayed his plea until the final moment in a case when he could not hope to put up much of a defence"* u, sakemm l-Avukat Generali mmodifika l-akkuza biex tirrifletti l-iskuzanti msemmija, ma setax jirregistra ammissjoni; mhuwiex kaz fejn *"the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed"* peress illi fil-kors tal-patteggjament ippartecipaw mhux biss l-Avukat Generali izda anki l-ufficjal prosekutur li kien l-iktar persuna li setghet tghid jekk l-appellant jirrapprezentax xi perikolu ghall-protezzjoni tal-pubbliku. Fuq kollox, it-tnaqqis fil-piena fil-parametri ta' bejn terz u nofs, ikompli l-appellant, ma kienx intiz biex jaghmel pressjoni fuq l-akkuzat biex jammetti anke ghall-akkuzi li mhux hati taghhom. L-incentiv ta' tali tnaqqis huwa ntiz principalment biex jigu evitati hin u spejjez.

Din il-Qorti tibda mill-ewwel biex tghid li dan huwa kaz fejn l-appellant ammetta quddiem l-ewwel Qorti l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Inoltre huwa ppersista fl-ammissjoni tieghu anke wara li gie mwissi b'mod l-aktar solenni mill-ewwel Qorti, kif titlob il-ligi, dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tieghu.

Kif din il-Qorti dejjem irriteniet[1] u hawn tirribadixxi, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilta` tad-decizjoni li jkun ha u

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta' Dicembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Serag F. H. Ben Abid**, 4 ta' Dicembru 2003.

jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali, pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Barra minn hekk, u kif tajjeb osserva l-appellant, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

Il-Qrati taghna ta' sikwit[2] ghamlu referenza ghal-linji ta' gwida enuncjati mill-qrati Inglizi ghall-fini ta' riduzzjoni o meno tal-piena f'kaz ta' ammissjoni:

**"… the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In *Buffery* (1992) 14 Cr App R (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (*Hoult* (1990) 12 Cr App R (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr App R (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood*[1997] 1 Cr App R (S) 347) and/or given significant help to the authorities (*Guy* [1999] 2 Cr App R (S) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris (1988) 10 Cr App R (S) 216; *Landy* (1995) 16 Cr App R (S) 908)). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical**

[2] Ara, per ezempju, Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Godfrey Bartolo**, 14 ta' Novembru 2002.

**advantage (*Hollington* (1985) 82 Cr App R (S) 281; *Okee* [1998] 2 Cr App R (S) 199)). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an enquiry into the facts (*Williams* (1990) 12 Cr App R (S) 415). The leading case in this area is *Costen* (1989) 11 Cr App R (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in *Costen* that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts."[3]**

Il-Qorti taqbel ma' dawn il-linji ta' gwida u zzid tghid li mhuwiex possibbi li jigu elenkati l-kazijiet kollha fejn riduzzjoni ta' piena tkun jew ma tkunx indikata peress li kull kaz ghandu l-fattispecie tieghu.

F'dan il-kaz huwa minnu li l-ewwel Qorti osservat li l-appellant ma setax jaghmel mod iehor hlief jammetti, izda l-ewwel Qorti ghamlitha cara wkoll illi hija kienet qed tiehu in konsiderazzjoni l-insenjament tal-Qrati taghna fl-applikazzjoni tal-piena in kwantu jirrigwarda ammissjoni. Ikkunsidrat li l-massimu possibbli ta' piena f'dan il-kaz kien ta' wiehed u tletin sena prigunerija, u li dik il-piena mnaqqsa b'terz in vista ta' l-ammissjoni registrata tonqos ghal ghoxrin sena u tmien xhur. Jigifieri piena ta' prigunerija ta' tmintax-il sena hija entro l-parametri tal-piena stabbilita mil-ligi ghar-reati li dwarhom l-appellant gie akkuzat u ammetta kif ukoll entro l-parametri ta' tnaqqis minhabba ammissjoni.

---

3 **Blackstone's Criminal Practice, 2001**, para. E1.18, p.1789.

(2) L-appellant jilmenta li ghall-ewwel Qorti jidher li kien jinteressaha biss il-massimu tal-piena u li l-minimu permissibbli kien ghaliha prattikament irrelevanti. Jghid illi fil-parametri wiehed ghandu jhares kemm lejn il-massimu kif ukoll lejn il-minimu. Jirrimarka illi qabel ma saret il-modifika mill-Avukat Generali l-massimu kien ta' hamsa u tletin sena in vista ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, filwaqt illi wara l-modifika dan nizel ghal wiehed u tletin sena. Din hija differenza zghira li pero` wassal lill-Avukat Generali biex, b'konsultazzjoni mal-Kummissarju tal-Pulizija u wara li ha konjizzjoni tar-rizultanzi processwali u tar-rwol tieghu bhala rapprezentant tal-Istat, jissuggerixxi piena ta' tnax-il sena.

Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li effettivament l-ewwel Qorti bbazat il-komputazzjonijiet taghha fuq dik li hija l-piena massima. Ta' min jghid pero` li meta gew kommessi r-reati hawn in ezami, il-piena applikabbli skond l-artikolu 228(2) ghall-omicidju volontarju skuzabbli skond il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 227 tal-Kap. 9, kien ta' "mhux aktar minn ghoxrin sena". Fil-kaz ta' tentattiv ta' omicidju, il-piena titnaqqas bi grad jew zewg gradi u l-Avukat Generali fl-att ta' akkuza kif originarjament redatt, kien talab piena – ghall-ewwel erba' kapi – ta' prigunerija minn seba' snin sa tletin sena. Bil-modifiki li talab ghall-att ta' akkuza, u cioe` billi kkonceda li r-reati f'dawk l-ewwel erba' kapi huma skuzabbli ghaliex l-appellant agixxa filwaqt li kien taht l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha fil-waqt tad-delitt ma setax iqis l-eghmil tieghu, huwa talab piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn tnax-il sena, jigifieri l-piena ghal omicidju volontarju skuzabbli kif inghad imnaqqsa bi grad. Il-ligi, kuntrarjament ghall-pozizzjoni llum fejn il-minimu ghall-omicidju volontarju bl-iskuzanti msemmija huwa ta' hames snin prigunerija[4], ma kinitx tistipula minimu. Dan ifisser li l-minimu kien ta' gurnata prigunerija – minimu li certament kien irrilevanti ghall-kaz in ezami. Evidentement l-ewwel Qorti, fil-komputazzjoni taghha, uzat id-diskrezzjoni

[4] Bis-sahha ta' emenda introdotta bl-Att III tas-sena 2002.

taghha, kif kellha kull dritt li taghmel, sabiex tasal ghall-piena li hija kienet tqis idoneja ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz. U, bhalma diga` gie osservat, hija ma mponietx il-piena fil-massimu possibbli izda naqset dak il-massimu bi tlettax-il sena.

Ta' min ifakkar ukoll illi din il-Qorti kif komposta, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** tal-25 ta' Awissu 2005, osservat illi:

**"…the Criminal Court is not obliged to give <u>detailed</u> reasons explaining either the nature or the *quantum* of the punishment being meted out, or to spell out any mathematical calculations that it may have made in arriving at that *quantum*. Although the determination of the nature and the *quantum* of the punishment is, of its nature, the determination of a question of law – see Sections 436(2) and 662(2) of the Criminal Code – all that is required is that the Court state the facts of which the accused has been found guilty (or, as in the present case, the facts to which he/she has pleaded guilty), quote the relevant provision or provisions of the law creating the offence (which provisions generally also determine the punishment applicable), and state the punishment or other form of disposal of the case. Unless expressly required by law to spell out in detail something else – as for instance is required by Section 21 of the Criminal Code or by the first proviso to subsection (2) of Section 7 of the Probation Act, Cap. 446 – the above would suffice for all intents and purposes of law. The principle *nulla poena sine lege* does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and *quantum* of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the *quantum* of punishment. This is also the position in English Law."**

Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti qalet bl-iswed fuq l-abjad li kienet qed titlaq mill-massimu ta' wiehed u tletin sena prigunerija, u dan certament biex turi lill-appellant il-piena massima li kien qieghed jiffaccja u, konsegwentement, il-propensita` taghha li tiehu in konsiderazzjoni xi fatturi attenwanti ohra oltre dak propost mill-Avukat Generali.

(3) L-appellant jaghmel enfazi fuq ir-rwol ta' l-Avukat Generali li jipprotegi s-socjeta` in generali u fl-istess waqt ifittex il-gustizzja f'kull kaz, u li kien wara li kkunsidra r-retroxena tal-kaz u l-provi li kellu f'idejh illi qabel, flimkien mad-difiza, li l-piena kellha tkun ta' tnax-il sena prigunerija. Jghid illi l-ewwel Qorti ma qisitx dan kollu u kellha taghti ragunijiet validi ghaliex skartat il-patteggjament li sar. L-ewwel Qorti, jghid l-appellant, ma semmiet ebda ragunijiet li ma kinux ukoll ikkunsidrati mill-partijiet, sabiex tichad it-talba tal-partijiet.

Jekk l-Avukat Generali ghandu r-rwol li jipprotegi lis-socjeta`, kemm aktar dawn il-Qrati li jridu jiehdu d-decizjoni ahharija! L-appellant forsi ghadu ma jistax jifhem illi patteggjament ma jigix milqugh mill-Qorti jekk jezistu c-cirkostanzi msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 453A tal-Kap. 9. L-artikolu 453A(1)(2) tal-Kap. 9 (is-subartikoli l-ohra ma humiex relevanti ghall-finijiet ta' dan l-appell) jipprovdi testwalment hekk:

**"(1) Qabel ma l-imputat iwiegeb dwar il-kaz b'mod generali kif hemm provdut fl-artikolu 453, l-imputat u l-Avukat Generali jistghu jitolbu lill-qorti, f'kaz li jkun hemm ammissjoni ta' htija, li tapplika sanzjoni jew mizura jew, meta jkun hemm provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri, tax-xorta u tal-kwantita` miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jinghata sentenza meta jinsab hati ghar-reat jew ir-reati li jigi akkuzat bihom.**

**(2) Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-mizura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri, mitluba kif provdut fis-subartikolu (1) ikunu tali li kien ikun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-htija u <u>ma</u>**

**<u>jkollhiex ghaliex tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz ghal xi raguni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 453 jew ghal xi raguni ohra li tichad it-talba</u>, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem car x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, il-qorti ghandha, meta ssir ammissjoni ta' htija ta' l-imputat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qeghda tinghata tkun qeghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* u Anthony Camilleri**, citat mill-appellant u moghtija minn din il-Qorti kif komposta fil-5 ta' Mejju 2005, l-ewwel Qorti kienet accettat il-piena patteggjata ghax ovvjament kienet taqbel ma' dik il-piena u ma kellha l-ebda raguni taht is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 453A biex tichad it-talba tal-partijiet. F'dik l-istess sentenza, din il-Qorti ttraccjat il-procedura li ghandha tigi addottata meta jkun hemm talba konguntiva skond l-imsemmi artikolu 453A. Wara li rreferiet ghall-fatt li l-Qorti kellha l-ewwel tiddetermina l-legalita` tas-sanzjoni mitluba, ghaddiet biex tispjega t-tieni haga li l-Qorti kellha tezamina:

**"7(5) Pero` l-Qorti – u din hija t-tieni haga li trid tezamina – jista' jkollha 'raguni ohra' ghala tichad it-talba tal-partijiet qabel ma l-akkuzat iwiegeb hux hati, u dan peress li dik il-Qorti ma tkunx taqbel jew mal-*quantum* tal-piena (jew ta' xi modalita` taghha) jew ma' l-applikazzjoni ta' xi mizura li tkun qed tintalab (ez. meta tintalab l-applikazzjoni ta' ordni ta' *probation*). Il-Qorti, per ezempju, tista' tkun tal-fehma li l-piena mitluba hija baxxa wisq tenut kont tal-gravita` tal-kaz, jew li l-piena hija harxa wisq tenut kont ta' xi cirkostanzi attenwanti li jkun hemm; jew li mas-sanzjoni jew mizura li tkun qed tintalab ma jkunx hemm sanzjonijiet jew mizuri ancillari li ghandhom jigu inkluzi bhal, per ezempju, konfiski, jew kancellament ta' licenzji, jew il-hlas ta' l-ispejjez peritali. F'dan il-kaz il-Qorti ghandha (dejjem qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija) <u>semplicement tichad it-talba minghajr ma taghti ebda ragunijiet</u>, u**

**dan peress li l-gudikant ma ghandu qatt, salv ghal eccezzjoni wahda, jindika x'piena (jew mizura) huwa jkun iqis li tkun addattata ghall-kaz qabel ma l-akkuzat jammetti. L-unika eccezzjoni – u f'dan ir-rigward il-qrati taghna mxew fuq il-prassi tal-qrati Inglizi – hija fis-sens li l-gudikant jista' jindika, fil-qorti bil-miftuh, li sia jekk ikun hemm ammissjoni u sia jekk le, is-sentenza ghandha tiehu forma partikolari (ez. pena karcerarja jew *probation* jew *conditional discharge*) (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti, fil-kompetenza taghha inferjuri, fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Mario Spagnol* u *Il-Pulizija v. Jason Spagnol*, it-tnejn tas-6 ta' Jannar 2005, kif ukoll *il-Pulizija v. Anthony Zammit* tat-12 ta' Jannar 2005).**

Effettivament, fil-kaz in ezami, il-partijiet kienu pprezentaw rikors konguntiv fid-19 ta' Mejju 2005 fejn talbu li, fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-appellant ghall-akkuzi migjuba kontrih kif modifikati, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu kellha tkun ta' prigunerija ghal perijodu ta' tnax-il sena. B'digriet ta' l-20 ta' Mejju 2005, l-ewwel Qorti cahdet it-talba wara li rreferiet ghall-artikolu 453A tal-Kap. 9 u ghall-fuq citat paragrafu 7(5) tas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* u Anthony Camilleri**. Jigifieri l-ewwel Qorti mxiet korrettement skond kif indikat fl-imsemmija sentenza u bir-referenza li dik il-Qorti ghamlet ghall-imsemmi paragrafu 7(5), kienet qed tindika li ma kinitx qed taqbel mal-piena mitluba. Jekk imbaghad ir-ragunijiet li l-ewwel Qorti eventwalment tat fis-sentenza appellata kienu l-istess ragunijiet li kkunsidraw il-partijiet u li nducew lill-Avukat Generali biex jitlob piena ta' tnax-il sena prigunerija, ma jfissirx b'daqshekk illi l-ewwel Qorti ma kellhiex dritt taghti aktar piz lill-gravita` tar-reati milli forsi ta l-Avukat Generali.

(4) Fil-kazijiet prospettati taht il-paragrafu (c) ta' l-Artikolu 227 qabel ma gie emendat, sija f'kazijiet fejn l-omicidju volontarju sehh minhabba provokazzjoni sija fejn ma kienx hemm provokazzjoni, il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni fil-piena. Dan naturalment japplika wkoll fejn si tratta, bhal f'dan il-kaz, ta' tentattiv ta' omicidju. Ta' min jghid ukoll illi

waqt is-sottomissjonijiet quddiem l-ewwel Qorti mid-difensur ta' l-appellant, Dott. Joe Giglio qal testwalment hekk: "Accetta r-responsabbilta` tieghu fl-isfond ta' dak il-bran illi ta' spiss jigi citat meta wiehed qed jitkellem fuq il-passjoni istantaneja ta' dik is-sentenza Ingliza ta' Bancroft"[5] Din hija sentenza citata mill-awtur Horder fil-kuntest ta' dak li kiteb dwar il-*loss of self-control*. Ghalhekk dan l-ilment ghandu jitqies bhala wiehed fieragh.

(5) M'hemm l-ebda dubju li r-reati in kwistjoni huma reati gravissimi. Bhala fatt huwa minnu illi fis-sentenza appellata meta l-ewwel Qorti rreferiet ghas-sottomissjonijiet tal-prosekutur dwar piena, qalet biss hekk: *"li dan il-kaz kien wiehed gravissimu u li ghalkemm id-difiza ghamlet minn kollox biex tpingi lill-membri tal-familja Falzon bhala l-awturi tar-reati, huma kienu l-vittmi, u mhux l-awturi"*. Issa, mit-trattazzjoni orali li saret quddiem din il-Qorti, Dott. Stephen Tonna Lowell ikkonferma illi l-Avukat Generali kien ikkommetta ruhu bil-piena li dehrlu idoneja, u dan wara referenza ghal xi sentenzi li ha in konsiderazzjoni fid-diskussjonijiet li wasslu ghall-patteggjament mertu ta' dan l-appell. Is-sentenzi in kwistjoni, moghtija mill-Qorti Kriminali, gew esebiti permezz ta' nota ta' l-Avukat Generali tas-27 ta' Settembru 2006. Dawn huma **Ir-Repubblika ta' Malta v. Marco Zarb** tas-7 ta' Ottubru 2004 (ikkonfermata minn din il-Qorti kif komposta bis-sentenza taghha tal-15 ta' Dicembru 2005) u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Louis Fenech** (ikkonfermata minn din il-Qorti kif komposta bis-sentenza taghha tat-13 ta' Ottubru 2005).

Fil-kazijiet msemmija, m'hemmx dubju li l-fattispecie kienu differenti minn dak odjern. F'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Marco Zarb**, l-akkuzat instab hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju fuq Gorgina Borg skuzabbli ghaliex hu agixxa taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu, u gie kkundannat ghal tmien snin prigunerija. F'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Louis**

---

[5] Registrazzjoni tat-tape tat-23 ta' Mejju 2005.

**Fenech**, l-akkuzat instab hati li kkaguna fuq martu offiza ta’ natura gravi li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem izda b’dan li r-reat hu skuzabbli ghaliex l-akkuzat agixxa taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu, u gie kkundannat ghal tliet snin prigunerija. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti ghall-pieni msemmija jirrizultaw ben tajjeb mis-sentenzi msemmija u juru cirkostanzi differenti minn dawk odjerni. Bizzejjed jissemma’ hawn <u>il-molteplicita` ta’ vittmi u l-mod kif l-appellant gera warajhom jisparalhom b’certa determinazzjoni</u> kif anke riflessa fl-istqarrija li ghamel lill-Pulizija: *“Tlajt fuq ir-roundabout u minghajr ma tajthom cans sparajtilhom. Tajthom hames tiri daqshekk kien fih is-senter. <u>Bl-ewwel tir tajtulu f’wiccu biex intajjarlu rasu ha nghidlu</u>.”* U ghall-mistoqsija: *“Ghidtilna li ma’ dawn in-nies biex tiehu raguni hekk trid taghmel xi trid tghid biha din?”* wiegeb: *<u>“Ghax jekk ma taghmilx hekk ma’ dawn in-nies taqla’ u jien mhux lest li naqla’</u>.”* Kull kumment iehor hu superfluwu.

(6) L-appellant jilmenta dwar il-kumment ta’ l-ewwel Qorti fis-sens illi l-problemi tas-sahha ta’ ulied l-appellant ma jistghux iwasslu lil dik il-Qorti biex b’xi mod tiggustifika l-agir tieghu. Jghid li d-difiza qatt ma talbet li l-eghmil ta’ l-appellant jigi gustifikat; kieku ma kienx isir rikors fejn tintalab piena ta’ tnax-il sena prigunerija. L-import tax-xhieda prodotti kien illi l-agitazzjoni tal-mohh trid tigi ndirizzata u apprezzata b’mod soggettiv. Jghid illi wiehed jehtieg japprezza xi tfisser li jkollok tifel li jbati bil-lewcemija u jispicca b’kilwa wahda u tifel iehor li ghandu problemi serji ta’ smiegh, li ghal dawn it-tfal u l-familja Micallef l-ghalqa tassumi importanza ohra, u allura li f’dan l-isfond huwa izjed difficli li ripetutament u kontinwament fuq medda ta’ snin haddiehor qieghed juza kull mod biex “jikkonvincik” titlaq mill-ghalqa u taghmel bhalma ghamlet omm l-appellant, ossia ccedi l-ghalqa taghha lil ta’ Falzon.

(7) L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti dehrilha li fis-sentenza taghha kellha taghmel xi ezempju minnu u f’dan

l-aspett ikkummentat li l-Qrati ghandhom jipprotegu lis-socjeta` u kull individwu mill-agir folli ta’ dawk li ghax isibu arma f’idejhom jahsbu li jistghu jaghmlu li jridu. L-appellant jghid illi hawn qed jigi ttrattat il-kaz tieghu biss. Ma kienx il-kaz li l-appellant haseb li ghax ghandu arma f’idejh allura ghandu jigi kklassifikat ma’ dawk in-nies li rreferiet ghalihom l-ewwel Qorti. Anzi s-sitwazzjoni kienet tali li l-appellant, minhabba l-istat ta’ agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantaneja li kien fih, ma kienx kapaci jirrifletti fuq il-konsegwenzi ta’ eghmilu. Il-piena, jghid l-appellant, m’ghandhiex tkun xi forma ta’ vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati u inoltre ghandha tirrifletti bilanc adegwat bejn l-interessi tas-socjeta` b’mod generali, tal-vittmi tal-kaz partikolari u tal-hati stess li wkoll huwa membru ta’ dik is-socjeta`. Il-bilanc, fil-fehma tieghu, inholoq bil-piena patteggjata.

Riferibbilment ghall-aggravji (6) u (7), *supra*, huwa minnu li l-piena m’ghandhiex isservi bhala xi forma ta’ vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta’ dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta’ persuni li b’ghemilhom juru li huma ta’ minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta’ reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta’ deterrent generali. Il-Qrati ta’ gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.

Ta’ spiss gie osservat minn din il-Qorti kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li fuq appell mill-piena hija bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b’dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b’xi mod *“wrong in principle”* jew *“manifestly excessive”*.

Bhalma jinghad f'**Blackstone's Criminal Practice 2004**:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.'* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [6]

Hawn ghandna kaz fejn, mill-istqarrija tieghu stess, il-hati ghamel il-hsieb li jivvendika ruhu minhabba l-kwistjoni ta'

[6] Page 1695, para. D23.45

l-ghalqa u "jtajjarlu rasu" lil Harry Falzon li kien l-ewwel wiehed li spara fuqu. Huwa veru li l-Avukat Generali "kkonceda" l-iskuzanti li l-appellant agixxa taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh fit-termini tal-paragrafu (c) ta' l-artikolu 227 tal-Kap. 9, izda dan ma jnaqqas xejn mill-gravita` oggettiva ta' l-akkadut: il-legislatur f'kazijiet simili semplicement jirridimensjona l-piena biex jittiehed kont ta' l-istat ta' fatt partikolari konsistenti fil-*furia di sangue* tal-hati. Din il-Qorti tifhem u tapprezza l-problemi li ta' kuljum l-appellant kellu jaffronta ruhu maghhom minhabba l-istat ta' sahha ta' uliedu u tapprezza l-htiega li jkollu svog fl-ghalqa kemm ghalih kif ukoll ghall-familja tieghu. Tapprezza d-diffikultajiet li kien qieghed jiltaqa' maghhom fil-konfront tal-familja Falzon. Mill-banda l-ohra hemm mezzi legali ta' kif wiehed jista' jfittex u jhares id-drittijiet tieghu. Dak li ghamel l-appellant fi Triq l-Mdina, Haz-Zebbug, fis-16 ta' April 2002 kien aktar rapprezentattiv ta' xena ta' xi film tal-Wild West milli ta' komunita` civilizzata. L-imhabba tieghu ghal uliedu kellha aktar trazznu milli jwettaq tali atti ghax hu "ma kienx lest li jaqla' minghand dawn in-nies".

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------